MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 61/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Hili**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Hili talli f'dawn l-ahhar snin u cioe' minn 1992 sal-31 ta' Jannar 2008, fil-fond 'Villa Latoc' Triq Burgi, High Ridge, St Andrews, kellu u zamm fil-pussess tieghu zewg (2) armi tan-nar (revolver) tal-ghamla mhux maghrufa serial No. mhux maghruf u Bulldog serial No. 7 minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna l-konfiska ta' l-arma msemmija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Frar 2008, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Joseph Hili hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u lliberatu minnha;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fis-6 ta’ Marzu 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li ma’ sarx apprezzament xieraq tal-ligi u tal-provi, issib lill-appellat Joseph Hili hati u timponi fuqu l-piena xierqa skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali hu, fi ftit kliem, li l-ewwel Qorti naqset li taghmel apprezzament korrett tal-provi.

Issa f’dan il-kaz irrizulta lil din il-Qorti li l-appellat kellu zewg revolvers licenzjati mal-Kummissarju tal-Pulizija u waqaf ihallas il-licenzja taghhom sa mill-1992 peress illi nsterqulu. Dawn il-proceduri gew inizjati peress illi l-appellat naqas milli jipprezenta affidavit lill-Pulizija li permezz tieghu jikkonferma li r-revolvers in kwistjoni kienu effettivament insterqulu. Mix-xiehda ta’ P.S. 822 Mario Agius pero` jirrizulta li l-appellat ipprezenta dan l-affidavit wara li gie ntavolat dan l-appell. Il-prosekuzzjoni ma resqitx provi li b’xi mod jikkontradicu dak li qieghed isostni l-appellat, u cioe` li fil-perijodu in kwistjoni r-revolvers in kwistjoni ma kinux fil-pussess tieghu ghax kienu nsterqulu. Dan ifisser li hu nieqes wiehed mill-elementi essenzjali tar-reat addebitat lilu, u cioe` <u>l-pussess</u> ta’ l-armi in kwistjoni fil-perijodu imsemmi fic-citazzjoni.

Ghaldaqstant l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------